V

(Avviżi)

PROĊEDURI DWAR L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-POLITIKA TAL-KOMPETIZZJONI

IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Avviż minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Il-Każ M.10331 — Caisse des dépôts/Bain Capital/Digital Aftermarket)

Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2021/C 272/05)

1. Fl-1 ta' Lulju 2021, il-Kummissjoni rċeviet avviż ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 [1].

Dan l-avviż jikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— Caisse des dépôts et consignations (France),

— Bain Capital LLC ("Bain Capital", l-Istati Uniti tal-Amerka),

— Digital Aftermarket SAS ("Digital Aftermarket", Franza), ikkontrollata minn Bain Capital permezz ta' Autodistribution SAS ("Autodistribution", Franza).

Caisse des Dépôts et Consignations u Bain Capital jakkwistaw, fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) u l-Artikolu 3(4) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll bi sħab ta' Digital Aftermarkets.

Il-konċentrazzjoni titwettaq permezz tax-xiri ta' titoli.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

— Caisse des dépôts et consignations: istituzzjoni pubblika li twettaq kompiti ta' interess ġenerali b'appoġġ għal politiki pubbliċi mmexxija mill-Istat u attiva fil-ġestjoni ta' fondi privati. Permezz tas-sussidjarji tagħha, hija attiva, fost oħrajn, fl-oqsma tal-enerġija u l-ambjent, il-proprjetà immobbli, l-investiment u s-servizzi.

— Bain Capital: kumpanija tal-ġestjoni tas-servizzi finanzjarji u tal-assi. Permezz tas-sussidjarja tagħha Autodistribution, hija tispeċjalizza fid-distribuzzjoni ta' spare parts għal vetturi bil-mutur ħfief u vetturi tqal tal-merkanzija fl-Ewropa, kif ukoll fil-forniment ta' servizzi ta' tiswija u manutenzjoni għal vetturi b'ħafna marki tad-ditta.

— Digital Aftermarket: kumpanija li tispeċjalizza fil-forniment ta' servizzi tal-intermedjazzjoni online għat-tiftix għal servizzi ta' tiswija u manutenzjoni ta' vetturi bil-mutur.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni Ewropea tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

[1] ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").

Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar proċedura ssimplifikata għat-trattament ta' ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([2]) jinħtieġ li jiġi nnutat li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stabbilita fl-Avviż.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

Dawn il-kummenti jeħtieġ li jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara id-data ta' din il-pubblikazzjoni. Jinħtieġ li r-referenza li ġejja dejjem tiġi speċifikata:

M.10331 — Caisse des dépôts et consignations/Bain Capital/Digital Aftermarket

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-email, permezz tal-faks jew permezz tal-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Email: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Faks: +32229-64301

Indirizz postali:

Commission européenne
Direction générale de la concurrence
Greffe des concentrations
1049 Bruxelles
BELGIQUE

([2]) ĠU C 366, 14.12.2013, p. 5.